AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR181862, Press Release Issue Date: Sep 03, 2018

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li, wara li ttieħdu xi kampjuni lokalment u saret analiżi fuqhom, l-imsemmi prodott m'għandux jiġi kkunsmat minħabba li ġie espost għall-irradjazzjoni mingħajr ma ġiet iddikjarata fuq it-tikketta u mingħajr informazzjoni jekk tali irradjazzjoni saritx fi stabbiliment approvat.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-prodott:** | Natural Ginger bag |
| **Ditta:** | Gold kili |
| **Użin:** | 80g |
| **Data tal-Manifattura:** | 10-04-2017 |
| **Data tad-Durabbilita`:** | 09-04-2019 |
| **Prodott ta':** | Singapore |

Ta' min jikkjarifika illi f'Malta huwa permess li l-ħwawar jiġu trattati b'irradjazzjoni basta tali proċess isir fi stabbiliment approvat, f'ċertu doża, u li tali proċess jiġi ddikjarat fuq it-tikketta.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.






